**Minuti tal-61 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 09 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**61.01 Talba**

61.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**61.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

61.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku ser jasal ftit tard għal laqgħa, filwaqt li l-Kunsillier Dingli ser jitlaq kmieni mil-laqgħa, kollha minħabba impenji personali.

**61.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 60.**

61.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 60 ġew emendati mis-Sindku u approvati unanimament. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u l-Kunsillier Decelis issekonda.

***Il-Viċi Sindku ingħaqad mal-Kunsill fis-6:07 pm.***

***Il-laqgħa ġiet sospiża bejn is-6:10 pm u 6:37pm sakemm saret laqgħa ma' xi Għaqdiet tar-Raħal.***

**61.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

61.04.01 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li kellha mal-*Animal Health and Welfare Department* rigward l-*LC Care Project* fejn hija ppruvat kemm setgħet tiġġustifika r-raġuni tan-nuqqasijiet li huma indikaw lill-Kunsill Lokali. Madanakollu, l-*AHWD*, xorta waħda baqgħu jinsistu li l-fatturi u l-irċevuti kollha kellhom ikunu datati fil-perjodu tal-kuntratt (21/11/2020-20/11/2021), filwaqt li l-lista tal-*cat feeders* li l-Kunsill ipprovdilhom kellha tkun taqbel ma' dik li indikata fir-rapport finali. Għaldaqstant ser jitnaqqsu mill-fondi tal-proġett. Is-Sindku kompliet li mill-*feedback* li għandha hemm Kunsilli oħra bl-istess problema li mhux ser iħallsu

għalissa. Fuq din kien hemm qbil unanimu li għandna nżommu l-pagament *on hold* u nistennew bħalma ser jagħmlu l-Kunsilli l-oħra.

61.04.02 Is-Sindku infurmat li għall-korrispondenza li rċevejna biex tinbidel il-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ, hija wieġbet f'isem il-Kunsill li ladarba l-ġurnata ndrat mir-residenti, din għandha tibqa' dik li hi. Il-Kunsillieri qablu ma' dan.

61.04.03 Is-Sindku spjegat li minkejja li l-Ġnien Onġi Onġella ser jinqala' u jsir mill-ġdid, dan il-proġett tal-Kunsill għadu fi stadji bikrija tiegħu filwaqt li l-istat tal-ġnien huwa wisq ħażin u jinħtieġ li jitranġa. Hija infurmat li l-*Foundation for Tourism Zones* lesta li tgħin lill-Kunsill Lokali fil-manutenzjoni ta' dan il-ġnien kemm-il darba l-Kunsill japprova x-xiri tal-materjal bħaż-żebgħa u l-biċċiet nieqsa tat-tapit u l-kolla għall-istess tapit. Is-Sindku semmiet ukoll li l-istruttura tal-injam fl-entratura tal-ġnien għandha titneħħa permezz tal-istess *FTZ*, peress li fiha ħafna biċċiet neqsin minnha. Il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu kemm fuq ix-xiri tal-materjal li hemm bżonn kif ukoll sabiex titneħħa l-istruttura msemmija.

61.04.04 Is-Sindku pproponiet sabiex is-SE tingħata delega sabiex rigward il-Purċissjonijiet kollha li jsiru fir-raħal, hija tkun tista' tipproċedi bil-permessi neċessarji mingħajr ma' toqgħod titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali għal kull waħda. Dan sabiex ma jintilifx ħin peress li hemm proċeduri fejn jidħol immaniġġjar tat-traffiku, għeluq tat-toroq u devjazzjoni tat-trasport pubbliku għal waqt dawn l-attivitajiet. Il-membri preżenti qablu li s-SE għandha tingħata din id-delega.

61.04.05 Is-Sindku semmiet li rigward il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar, il-perit infurmaha li l-Kunrattur Ciappara qed jistenna l-aħħar permessi sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuq l-imsemmija bankini. Bħala data hija qalet li għamlet pressjoni biex ifittex jinbeda u jitlesta x-xogħol biex ix-xogħol ma jaħbatx mal-armar tat-triq u mal-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

61.04.06 Is-Sindku infurmat li l-kuntrattur tal-Kunsill, *Catbros*, qed jirrifjuta li jaħdem bir-rati tal-kuntratt għaliex ir-rati attwali tas-suq huma ferm ogħla u lilu mhux qed jaqbillu. Wara diskussjoni f'dawn ir-rigward, il-Kunsillieri preżenti qablu li jekk il-kuntrattur jgħolli r-rati, kif allega li kien isir anke fil-passat, l-iskop tal-kuntratt ser jintilef u għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li għandna nipproċedu biex jiġi tterminat dan il-kuntratt.

61.04.07 Is-Sindku qalet li ser tipprova torganizza *Buffet Breakfast* għall-aħħar ta' Novembru 2023, filwaqt li semmiet jekk għandnix norganizzaw *trick or treat* għat-tfal Imqabbin fil-31 ta' Ottubru 2023 fejn it-tfal li jħabbtu 'l Kunsill, jiġu mogħtija l-ħelu. Wara li kien hemm diskussjoni f'dawn ir-rigward, il-Kunsillieri qablu li jsiru ż-żewġ avvenimenti.

**61.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

61.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar id-*drop kerb* li kien hemm qbil biex issir fi Triq il-Murselli u kif ser isir ix-xogħol bis-sitwazzjoni preżenti fejn il-kuntrattur tal-kunsill

ma jridx jaħdem bir-rati tal-kuntratt. Is-Sindku qalet li se tiċċekkja jekk ix-xogħol jistax isir mill-Public Works against payment u magħha tiġi amalgamata bankina oħra li wkoll tinħtieġ li ssir drop kerb fiha. Il-membri tal-Kunsill qablu li jsir dan.

61.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-ġabra li kienet saret meta kien sar dak l-inċident ta' ħruq fil-komun ta' blokka appartamenti fi Triq il-Friefet. Is-Sindku qalet li hi infurmata li s-somma ta' donazzjonijiet diretti fil-kont bankarju kienet dik ta' €135, filwaqt donazzjonijiet fi flus kontanti ammontaw għal €100. Il-Kunsillier Siberras staqsa dan sabiex peress li dan il-każ kien issemma fil-*FB page* tal-kunsill. Is-Sindku qalet li ser titlob lill-amministratur tal-binja jagħtiha din l-informazzjoni bil-miktub sabiex tkun tista' tiġi ppublikata fuq l-istess paġna ta' *FB*. Il-kumplament tal-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

**61.06 Diskussjoni u Deċiżjoni dwar tħassir ta' bilanċi antiki u assi qodma**

61.06.01 Fuq dan l-*item* tal-Aġenda, ma saret l-ebda diskussjoni.

**61.07 Unur Ġieh L-Imqabba 2023**

61.07.01 Il-laqgħa ġiet temporanjament imwaqqfa billi intefa' s-*sound* sabiex seta' jiġi diskuss min kien jew min kienet il-persuna jew persuni rakkomandata /i mill-Bord tan-Nominazzjonijiet, għall-Unur Ġieħ L-Imqabba 2023. Il-membri preżenti qablu u approvaw lil min ser jingħata l-Unur Ġieh l-Imqabba 2023 kif rakkomandat mill-bord tal-għażla.

**61.08 Jum L-Imqabba 2023**

61.08.01 Is-Sindku infurmat li wara laqgħa li kellha mas-Surmast tal-Iskola, ingħad li jkun aħjar li l-*orange juice day* għall-istudenti issir il-Ġimgħa 20 ta' Ottubru 2023 minflok it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023 peress li f'din tal-aħħar it-tfal jispiċċaw l-iskola f'nofsinhar u l-attività msemmija ma tilħaqx issir. Hija kompliet li għal din l-attività iridu jinxtraw 4 kaxxi larinġ sabiex jintagħsru biex it-tfal jingħataw tazza larinġ friska kull wieħed. Fuq dan kien hemm qbil.

61.08.02 Rigward l-attivitajiet tas-Sibt filgħodu, is-Sindku talbet lill-Kunsillier Decelis sabiex jagħti *update*. Huwa qal li l-muturi u *wheelchair basketball* huma kkonfermati u ġie deċiż fejn se jkunu bħala postijiet. Il-Kunsillier Sciberras tkellem dwar ir-*risk assessment* li ġejna mitluba biex isir għax-*show* tal-muturi, fejn waqt din il-laqgħa stess tal-kunsill, ġiet skedata laqgħa dwar l-imsemmi *risk assessment* għal nhar it-13 ta' Ottubru 2023 fis-6pm. Il-Kunsillier Decelis semma wkoll l-aħħar laqgħa li saret mal-NGOs, fejn issa huwa ċar għal kulhadd dwar x'se jagħmlu u fejn se joqogħdu. Il-ħabel tat-*tug of war* ser ikun provdut mill-università u wkoll ser jingħaqdu magħna 4 studenti universitarji sabiex jgħinu waqt l-attivitajiet. Huwa kompla billi qal li ingħatajna nofs *pallet* ilma b'xejn mingħand 'Iċ-Ċaqnu'. Rigward żwiemel, muturi u klieb tal-pulizija għandna kollox konfermat. Dwar it-*tokens* huwa qal li dawn intgħażlu u ġew ordnati u fadal biss li jiġi mgħoddi l-*wording* għall-*engraving* lis-*supplier*. Jonqos biss nikkordinaw dwar vann biex

jinġarru l-*wheelchairs*, u dwar l-iskips biex jintużaw fix-*show* tal-muturi. Is-SE infurmat ukoll li għal waqt l-imsemmija attivitajiet, hemm ordnati wkoll l-uffiċjali tal-LESA u l-barriers tal-pulizija, u qed naħdmu fuq il-*first response car*, u l-kiri tas-*sound* u tal-*bouncy castle*.

61.08.03 Rigward is-Serata Ġieħ l-Imqabba, is-Sindku qalet li din is-sena ser inkun qed insellmu l-memorja tal-mibki eks Sindku is-Sur Nicholas Briffa. Rigward rikonoxximenti hija ssuġeriet li għandna nżiedu 4 *tokens* oħra għall-voluntiera li jgħinu fl-attivitajiet tal-Kunsill, fosthom lil Jeanette, Nathalie, u Dorothy, kif ukoll lis-Surmast tal-Iskola tal-koperazzjoni tagħhom. Fuq dan kien hemm qbil mill-Kunsillieri. Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li peress li dan huwa l-aħħar Jum L-Imqabba għal din din il-Leġiżlatura, tajjeb li jiġi organizzat riċeviment wara s-serata. Fuq dan kien hemm diskussjoni mill-membri preżenti tal-Kunsill, fejn kien hemm qbil li nġibu stimi għal pakkett li jinkludi ikel u xorb inkluż inbid biex isir l-imsemmi riċeviment, propju wara s-serata Ġieħ L-Imqabba inkluż il-ftuħ tal-wirja bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent 'It-Teżori tal-Armar'.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fis-7:30p.m. minħabba impenji personali, filwaqt li nforma li se jibgħat email bl-ilmenti u s-suġġerimenti.***

61.08.04 Il-Kunsillier Sciberras informa li kellu laqgħa mal-President tal-Mustang dwar il-wirja tal-karozzi tal-Ħadd 22 ta' Ottubru 2023 filgħodu. Il-wirja se tkun mifruxa minn Triq Karmenu Ciantar lejn il-Pjazza kollha inkluż fejn l-istatwa u fejn is-salib, fejn b'kollox ser ikun hemm madwar 40 karozza. Is-SE ikkonfermat li n-*No Parking signs* se jitwaħħlu u se jkun hemm il-*barriers* li ġew ordnati u kkonfermati. Is-Sindku żiedet li għall-Quddiesa hemm kollox lest inkluż l-ordni tal-Kuruna tar-Rand u d-daqq tal-Fanfarra. Semmiet ukoll li l-Katakombi se jkunu wkoll miftuħin għall-pubbliku. Kompliet billi qalet li wara l-quddiesa, ser issir viżita lill-każini kollha mill-Membri tal-Kunsill.

***Il-Kunsillier Decelis ħalla l-laqgħa fit-7:47p.m.***

61.08.05 Is-Sindku semmiet ukoll li ser ikun qed jitqassam programm tal-attivitajiet kollha ta' Jum l-Imqabba 2023, flimkien mal-flyer tal-attività kulturali 'Stilel taħt il-Kampnar'. L-istess programm ser jittella' wkoll fuq il-*FB Page* tal-Kunsill.

**61.09** **Milied 2023**

61.09.01 Is-Sindku semmiet li kif tkellmet qabel mal-Kunsillier Dingli, hemm bżonn li jiltaqa' mill-aktar fis is-sotto kumitat dwar it-tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied. Hija qalet li mill-uffiċċju saret it-talba għall-istimi għad-diżinji dekorattivi li se jintramaw, fejn is-SE ikkonfermat li rċevejna stima waħda biss għalihom. Il-membri preżenti iddiskutew dwar dan fejn ukoll issemma li x-xogħol minn IM fuq il-bankini fi Triq Karmenu Ciantar, skedat fl-istess perjodu, jista' jkun li se jtellef il-proċess tal-armar tat-triq u għaldaqstant jekk ikun il-każ, Triq Karmenu Ciantar

ma tintramax. Is-Sindku talbet lill-Vici Sindku sabiex jikkordina mal-Kunsillier Dingli mill-aktar fis dwar l-armar.

61.09.02 Is-Sindku ssuġġeriet li għall-attività l-Mixgħela tal-Pjazza, flimkien mal-*bouncy castle* u mat-*train*, nistgħu inżidu l-imbuljuta u l-kafè. Il-membri preżenti iddiskutew fuq dan ir-rigward filwaqt li qablu mas-suġġeriment tas-Sindku.

**61.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

61.10.01 Korrispondenza mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar PA/01174/09 - *Site At, Triq Valletta, Tax-Xatba l-Ħamra, Mqabba*, li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, fejn is-SE infurmat li din kienet applikazzjoni tal-2009 u li fil-preżent il-Kunsill Lokali ma jista' jressaq l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

61.10.02 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-*Seasonal Influenza Vaccination Campaign 2023-24*. Is-SE infurmat li r-residenti ġew infurmati permezz ta' avviż fuq il-FB Page tal-Kunsill kif ukoll avviżi fil-Parroċċa, sabiex jirreġistraw biex jingħataw il-vaċċin. Hija kompliet billi infurmat li rridu naħsbu aħna kemm għall-post fejn ser tingħata t-tilqima, kif ukoll għall-infermiera li huwa importanti li jkunu bil-*warrant*. Il-membri ħadu nota ta' dan.

61.10.03 Korrispondenza mis-CEO ta' IM it-talba tal-Kunsill sabiex tiċkien parti mis-*central strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija biex jiġi akkomodat iktar spazju għall-parkeġġ, fejn ir-risposta tiegħu hija li minħabba infrastruttura tad-dawl fil-post, dan mhux possibbli li jsir. Risposta oħra dwar il-magħqad ta' ilma li qed joqgħod fil-karreġġjata tal-istess bypass, huwa qal li minkejja li mhux qed jara li hemm qagħad kbir ta' ilma, ser jiċċekkja dwar x'sistemi ta' storm water jeżistu fl-inħawi. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

61.10.04 Korrispondenza mingħand District Operations Ltd. dwar talba li l-Kunsill għamel sabiex jipprovdulna cleaner u clerical staff. Il-membri qablu li għadna interessati u qablu li ser niċċekkjaw eżatt kif nistgħu nipproċedu.

61.10.05 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Skema ta' Parkeġġ ta' Parkeġġ Residenzjali. Il-membri preżenti ddiskutew f'dan ir-rigward u qablu li għandna niksbu iktar informazzjoni dwar dan.

61.10.06 Korrispondenza mill-ERA dwar skart mormi illegali fi Sqaq Buhar. Is-Sindku infurmat li hija kellmet kemm lir-Reġjun kif ukoll lis-CPD fejn min-naħa tar-Reġjun qed jagħmlu pressjoni dwar il-każ.

61.10.07 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-President's Fun Run 2023 fejn din id-darba l-Kunsilli qed jintalbu biex jgħinu billi jorganizzaw it-trasport mil-lokal għall-Verdala u lura. Fuq din kien hemm qbil li nagħtu ċ-ċans li min hu interessat sabiex jinkiteb u imbagħad nordnaw it-trasport skond kemm jinkitbu nies.

61.10.08 Korrispondenza mingħand Shania Lee Bondin li qed tagħmel apprentistat mal-Kunsill Lokali bħala parti mill-kors li qed tagħmel fl-MCAST. Shania tterminat l-ewwel sena tagħha tal-apprentistat u jekk il-Kunsill Lokali m'għandux oġġezzjoni, hija tixtieq li tagħmel ukoll it-tieni sena magħna. Il-membri ddiskutew dan u qablu li Shania tista' tkompli t-tieni s-sena tal-apprentistat magħna.

61.10.09 Korrispondenza mill-GAL Xlokk dwar l-applikazzjoni għall-fondi biex jiġu restawrati xi niċeċ fil-lokal, fejn ġejna notifikati li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar ma jistgħux jaċċettawh peress li ġie pprovdut wara d-data tal-iskadenza fejn setgħu jiġu sottomessi d-dokumenti nieqsa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

61.10.10 Korrispondenza mingħand is-Supretendent tal-Pulizija fejn hija infurmatna li fuq id-Distrett tagħna ser jiżdied Spettur ieħor li ser ikun qed jaħdem flimkien mal-Ispettur preżenti, u li dalwaqt ser ikollna laqgħa formali miegħu. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

61.10.11 Korrispondenza mingħand Simona tal-Perit Lewis dwar id-diżinn tal-estenzjoni tal-bankina fi Triq tas-Sejba li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti tal-kunsill. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex tgħaddi d-diżinn lill-Ministru. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**61.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

61.11.01 Il-Viċi Sindku jissuġġerixxi li jsiru *road humps* ftit qabel ir-*roundabout* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija minħabba sewqan eċċessiv. Fuq din kien hemm qbil li għanda ssir it-talba lil TM, filwaqt li s-Sindku talbet sabiex issir tfakkira lill-istess TM dwar it-*traffic management* li hemm bżonn isir fis-*service roads* tal-istess *bypass*.

61.11.02 Il-Vici Sindku ssuġġerixxa li l-*Cat shelter* li bħalissa tinsab fl-Isptar il-Qadim sakemm jinstabilha post alternattiv, tingħata lill-*cat feeders* biex ipoġġuha fejn iċ-Ċimiterju biswit l-oħrajn. Fuq din kien hemm qbil mill-membri preżenti.

61.11.03 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir tinda fl-entratura tal-iskola. Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras spjegaw li din kellha tintalab mill-Kunsill Skolastiku, filwaqt li qablu mal-Viċi Sindku li jekk din tiġi approvata u jkollhom bżonn l-għajnuna fiha, niddiskutu l-każ minn dakinhar 'l hemm. Hawnhekk is-Sindku fakkret biex jiġu ordnati l-bike rakcs ta' ħdejn l-iskola u l-pjazza.

61.11.04 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jiġu nstallati plastic bollards madwar it-traffic island li hemm fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sabiex jiġi evitat li l-vetturi jibqgħu jaqsmu min-naħa tas-service road fejn hemm il-ħanut Mapole għal faċċata biex joħorġu lejn il-bypass. Fuq din kien hemm qbil li niktbu lil TM.

61.11.05 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li t-traffic lights eżistenti fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija jiġu eżtiżi permezz ta' żebra crossing għal ġos-service roads. Fuq din kien hemm qbil li ssir talba lil TM.

61.11.06 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa biex meta jsir l-iffriskar tal-linji fi Triq tas-Sejba, isiru xi marki f'post partikolari fejn qed jipparkjaw u jagħlqu l-aċċess. Is-SE wieġbet li għal Triq tas-Sejba intalbet stima biex isiru full basic road markings għaliex ma hemm xejn jidher, anke dawk li saru riċentement minn IM. B'hekk il-linji li ssuġġerixxa ser ikunu qed isiru mal-kumplament tal-linji fit-triq. Fuq din kien hemm qbil u li anke jekk forsi tista' ssir b'żebgħa li ddum iktar ma titlaq.

61.11.07 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li t-tabelli tal-bus stops għandhom jinbidlu għaliex kważi kollha ffejdjati. Fuq din kien hemm qbil li għandna nibgħatu lill-Public Transport.

**61.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/61**

61.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/61 ġiet approvata unanimament, apparti parti minn item 8 fejn kien hemm qbil li niċċekkjaw mal-kuntrattur tal-knis fuq l-extra service fil-ġimgħa tal-Festa ta' Santa Marija, għaliex il-qbil kien wieħed differenti.

**61.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

61.13.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023 fil-5:30 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |